Parlament Ewropew

**Il-kundizzjonijiet dwar l-użu tal-logo tal-Parlament Ewropew**

Il-logo tal-Parlament Ewropew huwa maħsub biex jintuża fid-dokumenti tal-Parlament innifsu jew fid-dokumenti distribwiti bil-qbil tiegħu. Jista' jintuża wkoll f'kull dokument ieħor relatat mal-Parlament Ewropew jew dedikat għalih, dejjem sakemm jikkonforma mal-Gwida għall-Grafika.

L-użu tal-logo tal-Parlament Ewropew huwa awtorizzat ħlief jekk:

- (a) l-użu joħloq l-impressjoni jew is-suppożizzjoni żbaljata li teżisti konnessjoni bejn l-utent u l-Parlament Ewropew;
- (b) l-użu jwassal lill-pubbliku biex jaħseb b'mod żbaljat li l-utent jibbenefika mill-appoġġ, l-isponsorizzazzjoni, l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-Parlament Ewropew;
- (c) l-użu għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe objettiv jew attività li ma jkunux kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea.

L-użu tal-logo ma jimplikax li l-Parlament jaqbel ma' tali użu u lanqas ma jimplika kwalunkwe appoġġ jew sponsorizzazzjoni mill-Parlament fil-konfront ta' tali użu.

Fil-każijiet kollha, il-Parlament Ewropew iżomm id-dritt li jipprojbixxi l-użu tal-logo tiegħu f'kull ċirkostanza fejn dan l-użu jista' jkun ta' ħsara għalih jew ta' natura mhux xierqa.
Il-logo tal-Parlament huwa xogħol oriġinali protett. Ma jistax jiġi rreġistrat bħala marka rreġistrata jew għal kwalunkwe skop ieħor. L-użu tal-logo minn partijiet terzi, anke bil-kunsens tal-Parlament, ma jagħti l-ebda dritt fuq il-logo.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-użu korrett tal-logo, jekk jogħġbok ikkuntattja s-Servizz tal-Identità Viżiva fuq visualidentity@europarl.europa.eu .